

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' JIMXI FUQ L-ILMA

**Matt. 14:23-36; Mk. 6:46-56; Gw. 6:16-29**

Waqt li Gesu' kien qed jitlob fuq il-muntanja, l-appostli kienu qed jaqdfu bid-dghajsa taghhom lejn Kafarnaw. Waqt li kienu fuq l-ghadira qam riefnu kbir u ghalkemm l-appostli, sajjieda tas-sengha qadfu kemm felhu ma setghux jimmanuvraw id-dghajsa. Il-mewg beda' joghla u t-tempesta hraxet.



Ma kontx tara hlief biza' fuq wicchom li ser jegherqu. Hemm fuq il-muntanja Gesu' kien qed jitlob u zgur li lil hbiebu ma nsiehomx. Ra kemm kienu jehtiguh dak il-mument meta t-tempesta kienet qlielet sew.

Gesu' beda' miexi fuq l-ilma mqalleb minghajr ebda diffikulta' qisu miexi fuq l-art. Huwa resaq lejn id-dghajsa ta' l-appostli u

dawn rawh ghaddej qisu mhux hu fuq il-mewg.

L-appostli bezghu ghax hasbu li raw xi fantazma. Qatt ma basru li Gesu' seta' jimxi fuq l-ilma. Ebda persuna qatt ma ghamlet bhalma ghamel Gesu'. Bil-biza' li hakimhom huma bdew jghajtu.

Meta ra hekk Gesu' qalilhom: "Tibzghu xejn. Jien hu."  L-appostli gharfu l-vuci tieghu; madankollu bilkemm setghu jemmnu li kien l-Imghallem taghhom li kellimhom.

Fl-ahhar Xmun Pietru ghajjat u qallu: " Mulej jekk inti int, aghmel li nigi hdejk nimxi fuq l-ilma."

"Ejja,"  wiegbu Gesu.

Pietru qabez mid-dghajsa u beda' miexi fuq l-ilma. Shabu baqghu mistghagba b'dak li kienu qeghdin jaraw. Ma damux wisq miblughin ghax ftit mumenti wara huma raw lil sehibhom niezel fl-ilma u jeghreq qalb il-mewg qawwi.

Pietru beda' jghajjat ghal-ghajnuna. "Mulej salvani ghax qed neghreq." Hekk kif Pietru nehha ghajnejh minn fuq Kristu beda' niezel taht l-ilma.

Gesu' newwilu jdejh u Pietru kien dlonk hatafha. Gesu' qallu " Bniedem ta' fidi zghira ghaliex iddubitajt?"

Gesu' u Pietru telghu fuq id-dghajsa u minnufih ir-rih waqaf.

Id-dixxpli resqu lehj jadurawh u qalulu : " Tassew inti l-Iben ta' Alla."

## Riflessjoni:

Ghajnejna dejjem fuq Gesu' jekk irridu li nimxu fit-triq li twassalna ghal ghandu.

Ghaliex?

Ghaliex huwa d-Dawl, it-Triq, il-Verita u l-Hajja.

Ghajnejn imbieghda minn Gesu' qatt ma jistghu jaraw il-veru Dawl, qatt ma jistghu jsibu l-vera Triq, qatt ma jistghu jisimghu l-Verita' shiha, qatt ma jistghu igawdu mill-vera Hajja.

Ghax fil-hajja jew ma' Kristu jew mad-dinja u l-frughat taghha.